**Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)**

**Rikors ta' RT (K.I. XXX), JT (K.I. XXX) u CT (K.I. XXX)**

Jesponu bir-rispett;

Illi l-esponenti RT hija mart AT, pensjonant, iben NT u GT nee' B imwieled XX fl-XX XX XX u li għandu l-karta tal-identita bin-numru XXX filwaqt li l-esponenti J u C aħwa T jiġu ulied l-imsemmija A u R konjuġi T. Qed tiġi annessa kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta' AT li qed tiġi mmarkata Dokument "A";

Illi l-imsemmi AT jbati minn kundizzjoni mentali li tipprekludih milli jieħu deċiżjonijiet dwar il-kura ta' saħħtu kif ukoll milli jieħu deċiżjonijiet dwar finanzi u għalhekk preżentament jinsab rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Karmeli;

Illi minn ċertifikat datat XX XX XX rilaxxjat mill-Kummissarju dwar is-Saħħa Mentali li jinsab anness u mmarkat Dokument "B" jirriżulta li l-imsemmi AT huwa nieqes mill-kapaċita' mentali u li mhuwiex f'qagħda li jieħu deċiżjonijiet relattivi għall-kura medika jew kwistjonijiet finanzjarji;

Illi jsegwi għalhekk li hemm lok li jingħata provvediment fit-termini tal-Art. 520 *et seq* tal-Kap. 12 sabiex l-imsemmi AT jiġi inabilitat;

Illi l-esponenti jissottomettu li persuna idonea sabiex tieħu ħsieb l-affarijiet tal-istess AT bħala kuratriċi hija martu, l-esponenti RT u dan mingħajr il-ħtieġa li jiġi ffissat kumpens għall-inkomodi tagħha;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-interdizzjoni ta' AT, ordinarjament residenti XX, Triq XX, XX iżda li preżentament jinsab rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Karmeli u li għandu l-Karta tal-Identita' bin-numru XX, filwaqt li taħtar kuratur deputat bil-fakultajiet li trid il-liġi sabiex jamministra l-ħwejjeġ tal-inabilitat u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Avv. John Bonello                P.L. Jean-Pierre Busuttil
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Esponenti: 8, Triq Valletta, Qormi